# QORTI ĊIVILI

**(Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi)**

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Nru: 1**

**Illum 1 ta' Lulju 2025**

**Rikors Nru. 11/2024**

**L-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi**

**v**

**Akakus International Ltd**

**u**

**Convey Shipping & Trading Agency Ltd**

## Il-premessi, it-talbiet kif mibdula u l-ammissjoni

1. Fir rikors tal-Uffiċju, ġie premess dan li jsegwi:

   i. lli l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja presjeduta mill-maġistrat Dr. Noel Bartolo nhar l-10 ta' Lulju 2024, ordnat *"**is-sekwestru ta' kwalunkwe propjeta' li tkun f'idejn partijiet terzi** li dwarha jkun hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija soġġetta għall-konfiska, u qed iżżomm u tipprojbixxi lill-imputati... milli jittrasferixxu, jagħtu b'rahan, jipotekaw, jew b'xi mod ieħor ibiddlu jew jiddisponu minn dik il-proprjetà u minn proprjetà oħra tagħhom jew li tkun fil-pussess tagħhom sal-limitu ta'",* vide verbal hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A';

   ii. Illi permezz ta' din l-Ordni ta' Qbid u Iffriżar ġew maqbuda aktar min mitejn container u l-merkanzija kollha li tinsab fihom li jappartjenu lil Akakus International Ltd;

iii. Illi fil-bidu ta din l-operazzjoni kongunta bejn il-Pulizija, EDP, Dwana u ARB, ma kienx konfermat il-kontenut ta' tali containers u b'hekk l-esponent ha fil-pusess tiegħu l-merkanzija li kienet tinsab fi tmientax il-container waqt dan l-eżerċizzju. Minn dak iz-zmien irrizulta li merkanzija kienet ta valur baxx, f'kull container li gie spezzjonat fizikament, u rrizulta wkoll li l-ispejjez marbuta mal-hazna ta' tali kontenut kienu ser jizbqu bil-wisq il-valur li jista talvolta jigi rikavat mill-bejgh tal-istess materjal. Ghalhekk l-Arb qed jiehu l-pozizzjoni odjerna;

iv. Illi l-esponent jagħmel referenza għall-artikolu 35(10)(a) reż applikabli permezz tal-artikolu 36(10) tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta fejn hemm stipulat is-segwenti:

*"Meta kwalunkwe materjal ikun miżmum f'idejn is-sekwestrant bis-saħħa ta' Ordni ta' Sekwestru maħruġa skont dan l-artikolu,* ***id-Direttur jista'*** *jitlob lill-Qorti Kriminali biex tordna lis-sekwestrant biex jittrasferixxi l-materjal kollu jew kull materjal miżmum f'idejn is-sekwestrant, fil-pussess tad-Direttur"*

Dan ifisser, li sabiex propjeta' li tinsab f'idejn is-sekwestrant fuq Ordni ta' Qbid u Iffriżar tgħaddi fil-pussess tal-esponent, l-esponent stess irrid jagħmel it-talba sabiex dan ikun jista' iseħħ;

v. Illi fuq rikors intavolat mis-soċjeta' *CMA CGM Societe Anonyme au Capital de 234 988 330 Euros* fejn kienu talbu lill-Qorti sabiex tirrilaxxa l-kontejners li huma tagħhom iżda mhux il-merkanzija li tinsab ġewwa l-kontejners minħabba li din il-merkanzija ma' tappartjenix li s-soċjeta'surreferita, l-Onorabbli Qorti Kriminali preseduta minn l-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera permezz ta' digriet datat nhar is-27 ta' Awissu 2024 orndat ir-rilaxx ta' 118 il-container li jappartjenu lis-socjeta' *CMA CGM Societe Anonyme au Capital de 234 988 330 Euros* iżda ma ħaditx in kunsiderazzjoni jew ordnat ir-rilaxx tal-merkanzija li tinsab fl-istess containers;

vi. Illi l-Malta Freeport Terminals Liiva kimited ressqet talba lill-Qorti Kriminali nhar it-3 ta' Mejju, fejn talbet lill-Qorti tordna lill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi sabiex jieħu pussess tiegħu 195 containers li bħalissa jinsabu fit-Terminals tal-Freeport u l-esponent fir-risposta tiegħu saħaq li d-deċiżjoni li jittieħed pussess ta' kwalunkwe assi jew propjeta' soġġetta għal iffriżar jew sekwestru taqa' f'idejn id-Direttur, kif iddikjarat b'mod espliċitu fil-Kapitlu 621 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Qorti Kriminali sussegwentement ċaħdet it-talba tal-Malta Freeport Association nhar it-13 ta' Mejju 2024;

vii. Illi l-Malta Freeport Terminals Limited reġgħet resqet rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja nhar il-24 ta' Settembru 2024 presjeduta mill-maġistrat Dr.Rachel Montebello fejn tablet il-Qorti tordna li d-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi sabiex jieħu l-containers kollha bil-merkanzija li jinsabu milquta bl-Ordni ta Qbid u Iffriżar u l-esponent reġa' stqarr li d-deċiżjoni li jieħu fil-pussess tiegħu assi suġġetti għal sekwestru jew iffriżar hija tad-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi pero din id-darba minħabba l-ispejjeż li qed issofri il-Malta Freeport Terminals Limited għaż-żamma tal-kontejners u minħabba d-digriet tal-Qorti Kriminali maħruġ mill-imħallef Consuelo Scerri Herrera nhar is-27 ta' Awissu 2024 u kif ukoll l-ispejjeż li *CMA CGM Societe Anonyme au Capital de 234 988 330 Euros* qiegħda issofri għaliex m'għandhiex aċċess għall-containers li jappertjenu lilha, l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi talab l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza il-bejgħ tal-merkanzija li tinstab ġewwa il-containers jew tordna d-distruzzjoni tal-istess merkanzija kemm dik mizmuma fil-containers li jappartjenu li s-soċjeta' *CMA CGM*

*Societe Anonyme au Capital de 234 988 330 Euros* u kif ukoll għall-bqija li jinsabu maqbuda taħt l-istess Ordni ta' Qbid u Iffriżar;

viii. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja presjeduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello permezz ta' digriet datat 3 ta' Ottubru 2024 ssuġġeriet li d-Direttur tal-Uffiċċju għal-Irkupru tal-Assi għandu jressaq it-talba tal-bejgħ tal-merkanzija quddiem il-Qorti kompetenti u dan ai termini tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta;

ix. Illi l-artikolu 36(9)(a) tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

*Fuq rikors tal-Uffiċċju, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) għandha tordna l-bejgħ waqt il-proċeduri u mingħajr ma tistenna s-sentenza finali ta' kwalunkwe proprjetà li tkun ġiet maqbuda jew iffriżata skont dan l-artikolu jekk il-Qorti ssib illi:*

***(i) il-proprjetà hija ta' natura li titħassar jew f'riskju ta' deterjorazzjoni, tħassir, ħsara jew deprezzament fil-valur;***

***(ii) l-ispiża sabiex tinżamm il-proprjetà tkun eċċessiva jew tkun sproporzjonata għall-valur tagħha fis-suq meta wieħed iqis ukoll iż-żmien li x'aktarx ikun meħtieġ sabiexjiġi determinat jekk il-proprjetà hijiex se tkun soġġetta għal konfiska jew għal ordni ta' konfiska;***

*(iii) il-proprjetà tkun soġġetta għal self jew għal dritt ieħor fuq il-proprjetà jew għal taxxi li dwarhom is-sid ikun naqas mill-obbligi tiegħu; jew*

*(iv) ikun hemm raġuni valida oħra għall-bejgħ:"*

x. Illi l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-merkanzija li tinsab fil-containers hija soġġetta għal-deterjorazzjoni, tħassir, ħsara jew deprezzament fil-valur speċjalment meta wieħed jikkunsidra ż-żmien twil li ilha maqbuda, u kif ukoll li l-ispejjeż sabiex tinżamm din il-merkanzija huma ta' natura straordinarji;

xi. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja preseduta mill-Maġistrat Dr.Rachel Montebello nhar it-8 t'Awissu 2024 ħatret lil Dr. Peter Fenech bħala amministratur tas-soċjeta' Akakus International Ltd u Convey Shipping & Trading Agency Ltd. L-esponent huwa tal-umli fehma li l-istess amministratur jista' jieħu f-idejh il-bejgħ tal-merkanzija li tinsab fil-containers li qed jinżammu taht sekwestru mill Malta Freeport Terminals Limited, kif ukoll il-merkanzija li qiegħda fil-pussess tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

xii. Illi l-esponent lest li jespleċita l-inkarigu tiegħu hekk kif ordnat l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bhala Qorti Struttorja preseduta mill-maġistrat Dr.Noel Bartolo nhar l-10 ta' Lulju 2024. Stante dejjem ghad-decizjoni li din l-Onorabbli Qorti tagħżel illi tordna il-bejgħ tal-merkanzija in kwistjoni.

2. It-talbiet tal-Uffiċju, kif mibdula skont rikors imressaq fit-30 ta' Mejju 2025 u milqugħ b'digriet tal-4 ta' Ġunju 2025, huma li l-qorti:

i. Tiddikjara li l-merkanzija kollha ħlief dik meqjusa bħala evidenza maqbuda permezz tal-ordni ta' ffriżar maħruġa fl-10 ta' Lulju, 2024 għandha tiġi mibjugħa mingħajr il-

ħtieġa ta' sentenza finali fil-proċeduri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Jonathan Mizzi et**;

ii. Tordna l-bejgħ tal-merkanzija kollha ħlief dik meqjusa bħala evidenza maqbuda permezz tal-ordni ta' qbid u ffriżar maħruġa fl-10 ta' Lulju, 2024 u tawtorizza lill-esponent jieħu dawk il-passi neċessarji sabiex dan il-bejgħ jiġi attwat;

iii. Tordna li kwalunkwe rikavat mill-bejgħ tal-merkanzija in kwistjoni, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż kollha relatati mal-bejgħ, jinżammu mill-esponent sakemm ikun hemm determinazzjoni finali fil-proċeduri penali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Jonathan Mizzi et**;

U dan salv kull provvediment ieħor xieraq u opportun.

3. Fil-verbal tas-smigħ tas-26 ta' Ġunju 2025, l-avukat Peter Fenech, bħala amministartur tal-kumpanniji konvenuti, iddikjarali , fid-dawl ta' dak mistqarr minnu fir-risposta tiegħu tas-26 t'April 2025, hu jaqbel mat-talbiet kif mibdula.

**Deċiżjoni**

Fid-dawl tal-ammissjoni tal-avukat Fenech nomine, il-qorti:

i. Tiddikjara li l-merkanzija kollha ħlief dik meqjusa bħala evidenza maqbuda permezz tal-ordni ta' ffriżar maħruġa fl-10 ta' Lulju, 2024 għandha tiġi mibjugħa mingħajr il-ħtieġa ta' sentenza finali fil-proċeduri Ir-Repubblika ta' Malta vs. Jonathan Mizzi et;

ii. Tordna l-bejgħ tal-merkanzija kollha ħlief dik meqjusa bħala evidenza maqbuda permezz tal-ordni ta' qbid u ffriżar maħruġa fl-10 ta' Lulju, 2024 u tawtorizza lill-esponent jieħu dawk il-passi neċessarji sabiex dan il-bejgħ jiġi attwat; u

iii. Tordna li kwalunkwe rikavat mill-bejgħ tal-merkanzija in kwistjoni, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż kollha relatati mal-bejgħ, jinżammu mill-esponent sakemm ikun hemm determinazzjoni finali fil-proċeduri penali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Jonathan Mizzi et.

Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur